# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 18 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 77/2020BS**

**Road Construction Co. Ltd (C-15677)**

**-vs-**

**Salvu Mintoff & Sons Limited (C-5093), Gatt Development Limited (C-16310), Raymond Gatt (30861G), Ronnie Gatt (17974G), William Gatt (29266G), Benigno sive Benny Gatt (8663G), Joseph Gatt (15558G) u Mariano sive Mario Gatt (46159G) u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2020 żdiedet il-kumpanija Gatt Enterprises Ltd (C-41625)**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Road Construction Co. Ltd illi ppremettiet:**

1. ILLI l-esponenti tipposjedi b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal żmien ħamsa u għoxrin (25) sena porzjoni diviża ta' art magħrufa "Ta' Għar id-Dar", fil-limiti ta' Qala [sic], Għawdex, tal-kejl ta' madwar ħamest elef, disa' mija erbgħa u għoxrin metru kwadru (5,924 m.k.) konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tal-Abbazia di Sant' Antonio delli Navarra u mit-tramuntana ma' beni tal-enfitewta, kif ukoll porzjoni diviża oħra mill-art magħrufa "Ta' Għar id-Dar", fil-limiti ta' Qala [sic], Għawdex, tal-kejl ta' madwar elf, seba' mija sitta u sebgħin metru kwadru (1,776 m.k.) konfinanti min-nofsinhar u mill-punent ma' beni tal-Abbazia di Sant'Antonio delli Navarra u mit-tramuntana mal-porzjoni diviża tal-art konċessa kif hawn fuq deskritta, kif aħjar deskritti u indikati fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tas-17 ta' Settembru 2018 pubblikat min-Nutar Krystle Frendo Galea;

2. ILLI l-art tal-kejl ta' cirka 5,924 m.k. ġiet konċessa lill-esponenti għal skop ta' qtugħ ta' blat bħala materja prima għall-uzu fil-kostruzzjoni, filwaqt li l-porzjoni art l-oħra tal-kejl ta' cirka 1,776 m.k. ingħatat lill-esponenti bħala *buffer* bejn l-ewwel porzjoni u artijiet oħra proprjetà tal-Abbazia di Sant'Antonio degli Navarra;

3. ILLI fl-aħħar tas-sena 2018, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited, abbużivament u mingħajr ebda jedd legali,

qabdet u daħlet f'dawn l-artijiet u bdiet tħammel, tqatta' u tieħu l-blat minnhom;

4. ILLI b'kawża fl-ismijiet *Road Construction Co. Ltd* vs S*alvu Mintoff & Sons Limited et* (Rikors Ġuramentat 185/2019 BS) preżentata fit-22 ta' Frar 2019, l-esponenti talbet l-iżgumbrament tal-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited minn dawn iż-żewġ porzjonijiet art;

5. ILLI biex tissalvagwardja l-valur kummerċjali tal-art konċessa lilha, l-esponenti talbet lill-Qorti żżomm lill-kumpanija Salvu Mintoff & Sons Limited milli tagħmel fiha xogħol ta' tħammil jew tqattigħ ta' blat *(Road Construction Co. Ltd* vs *Salvu Mintoff* & *Sons Limited*, Inib. Nru 578/2019);

6. ILLI madankollu, din it-talba tal-esponenti ġiet miċħuda b'digriet tal-5 ta' Ġunju 2019, għaliex il-Qorti dehrilha li l-esponenti *"għandha toroq oħra x'tista tagħzel u tieħu biex tirrikorri għad-debita kawtela"*;

7. ILLI intant, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited kompliet tqatta' u tħammel l-art mertu ta' din il-kawża b'pass mgħaġġel u sal[-]lum qattgħet u ħammlet il-maġġor parti tal-blat minn din l-art;

8. ILLI issa l-esponenti saret taf li l-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited iddisponiet mill-assi kollha tagħha, billi għaddiethom lil Gatt Enterprises Limited, u żammet biss id-djun;

9. ILLI d-diretturi u l-azzjonisti tal-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited huma l-istess bħal dawk tal-konvenuta l-oħra Gatt Enterprises Limited, u cioe' [sic] l-aħwa konvenuti Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt, u Mariano sive Mario Gatt;

10. ILLI kjarament, dan l-aġir tal-konvenuti kien intiż biex is-soċjetà konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited tiżvesti ruħha għal kollox mill-ġid tagħha, u b'mod li jkunu jistgħu jeludu d-drittijiet tal-esponenti sakemm dawn jiġu determinati fil-proċess ġudizzjarju pendenti fuq imsemmi;

11. ILLI dan kollu qed jikkaġuna danni inġenti lill-esponenti, għal liema danni jwieġbu solidalment bejniethom il-konvenuti jew min minnhom;

12. ILLI minkejja li l-konvenuti kollha ġew interpellati sabiex jiddesistu mill-aġir tagħhom u jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kaġonati minnhom, huma baqgħu inadempjenti.

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li, b'riżultat tal-aġir tagħha, il-konvenuta Salvu Mintoff & Sons Limited ikkaġunat telf u danni inġenti lill-esponenti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti l-oħra, konsapevolment, b'qerq u/jew b'kompliċità mal-konvenuta

Salvu Mintoff & Sons Limited, għenuha biex tiżvesti ruħha mill-assi tagħha, bi ħsara tad-drittijiet tal-esponenti;

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti kollha flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, jagħmlu tajjeb għat-telf u d-danni kollha li ġarrbet l-esponenti bi ħtija tal-konvenuti;

4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-esponenti, okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, jew min minnhom, iħallsu s-somma hekk likwidata u dovuta.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti, inġunti minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha illi eċċepew:**

1. ILLI dwar l-ewwel żewġ premessi tar-rikors ġuramentat, jingħad illi l-art hemm deskritta ilha fil-pussess tas-socjetà Salvu Mintoff & Sons Limited għal bosta snin u dan anke qabel l-iskritturi privati tal-14 ta' April 1998 u tat-28 ta' April 1998 (Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament) li permezz tagħhom l-art u territorju ħafna akbar ġew konċessi lilha ghall-iskop hemm deskritt inkluż għat-tqattigħ ta' blat, kif jirriżulta wkoll mill-anness Dok. 'C'. Jekk sussegwentement l-art ġiet konċessa lis-soċjetà attriċi dan kien minn wara

dahar is-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Limited. Għandu jingħad ukoll però li l-partijiet fuq il-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 kienu jafu ben tajjeb illi l-art kienet diġà f'idejn Salvu Mintoff & Sons Limited. Dan kien stat ta' fatt ben saput anke mis-soċjetà rikorrenti peress li l-intimati jew min minhom kien ilhom jqattgħu [sic] minn dik il-parti tal-barriera għal numru ta' snin qabel. Inoltre, il-konċedent fuq il-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 ma setax jagħti l-art lil ħaddieħor meta din kienet diġà ġiet mogħtija lill-esponenti jew min minnhom. U fl-aħħar nett, anke jekk il-konċessjoni enfitewtika tas-17 ta' Settembru 2018 kellha titqies li tgħodd, min ħa l-art irid jeħodha soġġetta għal kwalsijasi [sic] drittijiet li terzi (inkluż allura Salvu Mintoff & Sons Ltd) kellhom fuqha;

2. ILLI dak li jingħad fit-tielet premessa tar-rikors ġuramentat huwa kollu infondat stante illi l-art mertu ta' din il-kawża kien ilha konċessa lil Salvu Mintoff & Sons Ltd kif diġà ingħad [sic] fl-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta u stante ukoll illi l-istess soċjetà kellha titolu fuq dik l-art, u finalmet billi l-istess Salvu Mintoff & Sons Ltd kien ilha li effettivament kellha l-pussess ta' dik l-art sa mill-1997, kif jidher mill-annessa dikjarazzjoni, Dok. C;

3. ILLI kwantu l-premessi 4 sa 6 tar-rikors ġuramentat, jingħad illi filwaqt li huwa minnu li saru l-proċeduri legali hemm imsemmija, is-soċjetà attriċi naqset li ssemmi ukoll il-mandat ta' inibizzjoni l-ieħor li ttentat toħroġ, dak numru *2078/*2018JZM li ukoll kien ġie miċħud b'deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2019, li fiha jingħad *inter alia* hekk: 'Meta r-rikorrenti

akkwistat fl-2018 għamlet hekk ben konsapevoli tat-titolu li kellha l-intimata sa mill-1998', u allura r-rikorrenti intavolat il-kawża odjerna ben konsapevoli ta' kif kienu l-affarijiet u ma kienitx [sic] sajma (kif donnha tagħti l-impressjoni fil-premessi tagħha għal din il-kawża) mill-għarfien dwar id-drittijiet li għandhom l-esponenti jew min minnhom fuq l-istess art. L-animu wara din il-kawża huwa għalhekk ċar. Id-deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2019 tkompli tgħid hekk: 'Il-validità tat-titolu tal-intimata Salvu Mintoff & Sons Ltd sa llum għadu ma ġiex impunjat mill-qrati. L-intimata ma kenitx parti fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell li fuqha q[i]egħda tistrieħ ir-rikorrenti. Għaliex dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet f'dik il-kawża (il-principju: res inter alios acta) ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li prima facie dik is-sentenza tagħtiha jedd tagħmel it-talba li għamlet fil-proċediment tal-lum sabiex ma tħallix lill-intimata teserċita [sic] titolu li sal-lum għadu veljanti minkejja d-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Appell bejn terzi għall-intimatà. Jiġi rilevat ukoll illi sa llum [sic] is-soċjetà rikorrenti pproċediet kontra l-esponenti iżda ma ħadet ebda passi jew azzjoni kontra min ikkonċedielha l-art fl-2018, f'liema data dik l-art kienet diġà ilha aktar minn 20 sena f'idejn l-esponenti, u dan minkejja li effettivament min ta l-art lill-esponenti kien l-ante kawża tal-konċedent fuq l-att tas-17 ta' Settembru 2018. Dan il-fatt iħasseb sewwa lill-esponenti speċjlament tenut kont tal-fatt illi l-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 sar f'kuntest fejn kien ovvju li qed tingħata art li diġà kienet qed tintuża minn ħaddieħor u li l-effett tiegħu, f'każ li l-esponenti jiġu mfixkla fl-użu tagħhom tas-sit in kwistjoni, ikun li s-soċjetà attriċi tispiċċa tkun l-

uniku operatur ta' barriera tal-qawwi ġewwa Għawdex u għalhekk ikollha monopolju fuq is suq, haga li kif hu maghruf sewwa s-soċjetà rikorrenti ilha tipprova tagħmel sa minn meta l-esponenti bdew joperaw il-barriera;

4. ILLI b'referenza għall-premessa numru 7 tar-rikors ġuramentat filwaqt li huwa minnu li Salvu Mintoff & Sons Limited qattgħet blat mill-art mertu ta' din il-kawża, l-impressjoni li trid tagħti s-soċjetà rikorrenti li dan ix-xogħol sar b'pass mgħaġġel apposta hija għal kollox gratuwita [sic] stante li s-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd tqatta' l-blat skond [sic] l-eżiġenzi tan-negozju tagħha minn żmien għal żmien (kif del resto tagħmel l-istess soċjetà rikorrenti fil-barriera li topera hi) u mhux (kif donnu qed jiġi allegat) biex tagħmel xi azzjoni ħażina lil ħaddieħor;

5. ILLI b'referenza għall-premessa numru 8 tar-rikors ġuramentat jingħad bla tlaqliq li mhux minnu li s-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Limited ittrasferiet l-assi kollha tagħha lis-soċjetà Gatt Enterprises Limited (li ma ġietx ċitata f'dawn il-proċeduri) u li din tal-ewwel baqgħalha biss id-dejn, u dan kif sejjer jintwera aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Ta' min jgħid li s-soċjetà rikorrenti naqset għal kollox li tindika f'hiex [sic] jikkonsisti u kif sar dan l-allegat żvestiment mill-assi;

6. ILLI fattwalment dak li jingħad fid-disa' premessa tar-rikors ġuramentat huwa skorrett billi mhux minnu li d-diretturi u l-azzjonisti ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd huma l-istess bħal dawk ta' Gatt Enterprises Ltd. Fil-fatt il-konvenuti,

Raymond Gatt (ID 308616), Ronnie Gatt [ID 17974G], William Gatt [ID 29266G), Benigno sive Benny Gatt [ID 8663G), u Joseph Gatt (ID 15558G] f'isimhom m'għandhomx ishma fis-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd; u filwaqt li d-diretturi ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd huma Raymond, Ronnie u William Gatt, id-diretturi ta' Gatt Enterprises Ltd huma Mario Gatt u Ronnie Gatt. Inoltre, lanqas li kieku ż-żewġ soċjetajiet kellhom l-istess azzjonisti u diretturi xorta waħda ma jkunx ifisser li s-soċjetà rikorrenti tista' tislet il-konklużjonijiet li qed tasal għalihom fir-rikors promotur minnha intavolat;

7. ILLI kwantu l-premessa numru għaxra tar-rikors ġuramentat din hija kompletament infondata, l-ewwel nett għaliex mhux minnu li Salvu Mintoff & Sons Ltd żvestiet ruħha mill-assi kollha tagħha, u inoltre għaliex fi kwalsijasi [sic] każ l-esponenti bl-ebda mod ma ppruvaw jeludu l-konsegwenzi li (imqar teorikament) jista' jkollhom proċedimenti ġudizzjarji oħra;

8. ILLI rigward il-premessa numru 11 tar-rikors promotur jingħad illi s-soċjetà rikorrenti ma soffriet jew qed issofri ebda danni kif premess billi kif diġà ingħad [sic] l-esponenti għandha drittijiet anteċedenti fuq l-art in kwistjoni, u billi meta ħadet il-konċessjoni tas-17 ta' Settembru 2018 is-soċjetà rikorrenti kienet ukoll ben konxja tal-fatt li l-art kienet diġà ġiet mogħtija lil Salvu Mintoff & Sons Ltd, u fi kwalsijasi [sic] każ l-esponenti bl-ebda mod ma huma responsabbli għad-danni versu s-soċjetà rikorrenti u jekk tassew is-soċjetà rikorrenti qed issofri xi danni din għandha tfittex mhux lis-

soċjetà esponenti li għaliha l-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 huwa *res inter alios acta* iżda s*e mai* lil min ikkoncedielha art li kienet diġà kommessa favur ħaddieħor; possibbilment però s-soċjetà rikorrenti ma ħaditx din it-triq propju għaliex hija stess kienet taf daqs kemm kienu jafu l-konċedenti fuq il-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 illi l-art kienet diġà f'idejn Salvu Mintoff & Sons Ltd;

9. ILLI rigward il-premessa numru 12 is-soċjetà rikorrenti trid iġġib prova ta' l-interpellazzjonijiet [sic] li tgħid li għamlet stante li ħadd mill-esponenti ma ġie notifikat *de proprio* bl-ebda interpellazzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni qabel din il-kawża;

10. ILLI fl-aħħar nett is-soċjetà Gatt Development Ltd tidher li ddaħħlet gratuwitament [sic] f'dawn il-proċeduri speċjalment meta ma hemm ebda referenza għaliha fir-rikors ġuramentat, la fil-premessi u lanqas fit-talbiet, u cio' nonostante [sic] ġiet ċitata bħala konvenuta; għalhekk għandha tiġi estromessa minn dawn il-proċeduri għaliex hija ma hijiex leġittimu kuntradittur f'din il-kawża.

**Eċċepew lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. ILLI preliminarjament in-nullità tal-azzjoni attriċi stante illi ma jirriżultax x'tip ta' azzjoni qed tagħmel l-attriċi b'din il-kawża u mhux ċar mir-rikors promotur u mit-talbiet kif proposti x'inhi n-natura tal-azzjoni attriċi u billi r-rikors ġuramentat huwa nieqes minn dawk ir-rekwiżiti essenzjali li trid il-liġi inkluż li jkun fih tifsira ċara u sewwa tal-oġġett

tal-kawża u r-raġuni tat-talba, u b'hekk l-azzjoni odjerna hija ostakolata bis-saħħa tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12 abbinat mal-Art. 156(1)(a) u (b) tal-Kap. 12. Ir-rikors promottur mhuwiex ċar f'dak li qed jittenta jagħmel bħala azzjoni u aktar qiesu tefa' x-xibka biex jara x'jaqbad u dan imur ukoll kontra l-prinċijpju [sic] "electa una via non datur recursus ad alteram";

2. ILLI preliminarjament ukoll, din l-Onorabbli Qorti ma għandha ebda ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża jekk is-soċjetà rikorrenti qiegħda tilmenta minn affarijiet li prettament jirrigwardaw il-liġi tal-kumpanniji [sic];

3. ILLI s-soċjetà attriċi hija karenti mill-interess ġuridiku biex tagħmel din il-kawża fil-konfront ta' Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt u Mariano sive Mario Gatt in kwantu legalment f'isimhom personali dawn ma jirrispondu bl-ebda mod għall-aġir tal-kumpanniji [sic] li fihom huma jistgħu ikunu [sic] involuti, u bl-istess mod is-soċjetà attriċi ma għandha ebda interess ġuridiku fil-konfront ta' Gatt Development Limited in kwantu bħala azzjonista ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd din ma tistax tirrispondi għal kwalsijasi [sic] aġir tal-istess Salvu Mintoff & Sons Ltd, u f'dan is-sens ukoll l-azzjoni kif proposta kontra dawn il-persuni hija improponibbli u addirittura vessatorja;

4. ILLI l-eċċipjenti Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt u Mariano sive Mario Gatt in kwantu ġew ċitati f'isimhom personali ma humiex

legittimi kuntraditturi f'din il-kawża u għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. ILLi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti Benigno sive Benny Gatt u Joseph Gatt ma humiex leġittimi kuntraditturi in kwantu m'humiex azzjonisti jew diretturi jew uffiċjali oħra ta' Salvu Mintoff & Sons Ltd u r-rikors ġuramentat ma jindika ebda bażi għalfejn ġew ċitati dawn il-persuni ħlief li allegatament huma uffiċjali tal-imsemmija kumpannija [sic] (li evidentement mhux il-każ), u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

6. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti Mario sive Mariano Gatt u Gatt Development Ltd m'humiex leġittimi kuntraditturi f'din il-kawża in kwantu bħala azzjonisti id-*day to day management* tal-kumpannija Salvu Mintoff & Sons Ltd mhux f'idejhom, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

7. ILLI Gatt Development Ltd mhix leġittimu kuntradittur f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma hemm ebda ness ġuridiku bejnha u bejn ir-rikorrenti u billi lanqas mir-rikors promotur innifsu ma jirriżulta għalfejn l-attriċi qed tindirizza t-talba tagħha kontriha;

8. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost is-soċjetajiet konvenuti għandhom personalità ġuridika separata u distinta mill-azzjonisti, diretturi u uffiċjali tal-istess kumpanniji [sic], u inoltre l-konvenuti in kwantu huma

azzjonisti, diretturi jew uffiċjali ta' kumpanniji oħra għandhom ukoll personalità ġuridika separata u distinta mill-istess kumpanniji [sic]; għalhekk ma teżisti l-ebda bażi legali biex dawk l-azzjonisti, diretturi u uffiċjali jinżammu personalment responsabbli għall-affarijiet tal-kumpanniji rispettivi bil-mod kif tippretendi s-soċjetà rikorrenti, u għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi in kwantu diretti kontra dawn il-persuni f'isimhom personali jew fil-vesti tagħhom ta' azzjonisti, diretturi jew uffiċjali ta' kumpanniji [sic], ma jistgħux jirnexxu;

9. ILLI s-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Limited ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti u kwindi ma setgħet ikkawżatilha l-ebda danni u l-ebda telf, u l-istess ukoll jingħad għall-eċċipjenti l-oħra, u għalhekk l-eċċipjenti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

10. ILLI l-kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018 ċitat mis-soċjetà rikorrenti huwa *res inter alios acta* għall-esponenti u għalhekk l-istess rikorrenti ma tistax titlob danni mingħand l-esponenti in bazi ta' kuntratt li l-esponenti m'humiex parteċipi fih, u se mai jekk is-soċjetà attriċi qed tfittex għad-danni minħabba li ssostni li ma tistax tieħu l-benefiċċju mwiegħed lilha mingħand terzi li magħhom hija kkuntrattat, allura kellha tfittex lill-persuna ma' min ikkuntrattat u mhux lill-esponenti; għall-istess raġuni wkoll is-soċjetà rikorrenti ma għandha l-ebda interess ġuridiku fil-konfront ta' ebda waħda mill-eċċipjenti u l-eċċipjenti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

11. ILLI jekk l-azzjoni attriċi hija azzjoni għad-danni fis-sens ta' azzjoni *ex delicto vel quasi* allura ma tistax tirnexxi in kwantu (i) ma tirriżulta li ġrat l-ebda ħsara bi ħtija tal-esponenti jew min minnhom, u (ii) l-eċċipjenti ma jistgħu jinstabu responsabbli għall-ebda danni in kwantu s-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd qed tagħmel użu mill-jeddijiet tagħha a tenur tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16, u (iii) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti bl-ebda mod ma pparteċipaw jew mod ieħor ħadu sehem personalment f'xi att jew azzjoni għad-dannu tas-soċjetà rikorrenti, wisq anqas bi ħsieb magħmul u għalhekk ukoll it-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jistgħux jintlaqgħu;

12. ILLI l-allegat event dannuż li minnu tillanja s-soċjetà rikorrenti huwa l-użu leġittimu li Salvu Mintoff & Sons Ltd qed tagħmel mill-art in kwistjoni, u evidentement jekk għall-grazzja tal-argument (u dejjem dato ma non concesso) is-soċjetà rikorrenti soffriet jew qed issofri xi danni dawn għandhom jirriżultaw minn dak l-użu u mhux minn xi trasferiment ta' assi, u għalhekk l-allegat trasferiment ta' assi, anke li kieku sar, ma jikkostitwixxix minnu nnifsu event dannuż għas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk, kwantu dak l-allegat traferiment ta' assi huwa l-uniku ness u bażi għad-danni ċitat fir-rikors ġuramentat kontra l-eċċipjenti Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt, Mariano sive Mario Gatt u Gatt Development Ltd, allura l-azzjoni attriċi għad-danni kontra dawn l-eċċipjenti ma tistax tirnexxi;

13. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost jekk l-azzjoni attriċi hija maħsuba bħala *actio pauliana* din ma tistax tirnexxi in kwantu l-esponenti m'humiex debituri tas-soċjetà rikorrenti, u fi kwalsijasi [sic] każ ma jirriżultawx l-elementi rikjesti sabiex azzjoni bħal dik tirnexxi; inoltre jekk l-azzjoni attriċi hija maħsuba bħala a*ctio pauliana* allura hija wkoll irritwali billi mhix qed tintalab ir-retroċessjoni ta' l-ebda [sic] assi u lanqas ma qed jingħad liema huma l-atti li preżumibilment qed jiġu impunjati, u billi s-soċjetà li allegatament irċeviet l-assi lanqas biss ġiet ċitata f'dawn il-proċeduri;

14. ILLI kuntarjament għal dak li jingħad mis-soċjetà attriċi, is-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd ma wettqet ebda żvestiment tal-assi tagħha biex teludi l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi; u illi fi kwalsijasi [sic] każ l-assi kollha ta' Gatt Enterprises Ltd ġew akkwistati b'mod leċitu u trasparenti u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

15. ILLI fil-mertu ukoll [sic] is-soċjetà Salvu Mintoff & Sons Ltd ma kkaġunat ebda telf jew dannu lis-soċjetà rikorrenti; u inoltre la s-soċjetà Gatt Development Ltd u lanqas il-kovenuti l-oħra li ġew ċitati f'isimhom personali ma kkawżaw xi danni jew telf lis-soċjetà rikorrenti; inoltre la s-soċjetà Gatt Development Ltd u lanqas l-eċċipjenti l-oħra li ġew ċitati f'isimhom personali ma aġixxew b'qerq u lanqas ittentaw jew għenu biex jew i[p]parteċipaw f'xejn biex (skond [sic] kif allegat) Salvu Mintoff & Sons Ltd tiżvesti ruħha minn xi assi bl-iskop li tevadi xi drittijiet tas-soċjetà

attriċi u għalhekk it-talbiet attriċi huma kompletament infondati;

16. ILLI jekk it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fil-kawża numru 185/2019BS jfallu [sic] allura tfalli ukoll neċessarjament l-azzjoni attriċi u għalhekk din il-kawża ma tistax tiġi deċiża qabel ma jingħalqu definittivament il-proċeduri bumru [sic] 185/2019BS; min-naħa l-oħra anke jekk per ipotesi s-soċjetà rikorrenti tirnexxi fit-talbiet li għamlet bil-kawża numru 185/2019BS ma jsegwix neċessarjament u awtomatikament li l-esponenti jew minnhom ikunu passibbli għad-danni, u f'dak il-każ jiġi eċċepit umilment li l-eċċipjenti ma huma responsabbli għall-ebda danni versu s-soċjetà attriċi;

17. ILLI t-talbiet kif proposti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

18. ILLI kull waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet qed tingħata indipendentement u separatament mill-oħrajn u mingħajr preġudizzju għall-oħrajn;

19. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż.

**Il-Qorti;**

**Fliet** l-atti;

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta kif ukoll tas-soċjetà attriċi;

**Ikkunsidrat:**

Permezz tat-tieni eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta teċċepixxi li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza tiddeċiedi dwar it-tabiet tas-soċjetà attriċi billi skont hi dawn huma ta' natura kummerċjali.

Minn naħa tagħha s-soċjetà attriċi tirribatti li l-kawża mressqa minnha hija ta' natura ċivili, ibbażata fuq l-azzjoni akwiljana *sic et sempliciter* u allura l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta ma għandhiex tiġi milqugħa.

**Ikkunsidrat:**

Il-kompetenza ta' din il-Qorti jirriżulta ben ċar mill-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li tirreferi għall-kawżi kollha relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-kumpaniji. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

*"5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur."*

Loġikament illi biex il-Qorti tasal għal deċizjoni dwar jekk għandhiex il-kompetenza li tisma' kawża *o meno* trid l-ewwel u qabel kollox tqis sew it-talbiet u l-isfond ta' tali talbiet kif deskritti fil-premessi li jkunu jirriżultaw mir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] billi "hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterimnaw il-kompetenza tagħha."[2]

L-indaġni li trid tagħmel il-Qorti hija waħda sommarja u mhux *in funditus* tal-mertu. Għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti tenfasizza li dak li qed tiġi investit huwa biss l-eċċezzjoni tal-intimati rigward in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, u dan, "ratione materie", ai termini tal-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn qari tat-talbiet imressqa mis-soċjetà attriċi jirriżulta li din qed titlob lill-Qorti ssib lis-soċjetà konvenuta ħatja għat-telf ta' qligħ u danni li qed issofri l-attriċi riżultat tal-aġir tal-konvenuta.

Huwa minnu wkoll li fil-premessi s-soċjetà attriċi tirreferi għall-allegat manuvri li tgħid li l-konvenuta għamlet sabiex tisvesti ruħha mill-assi u dan bit-tir li s-soċjetà attriċi ma jkollhiex iċ-ċans li tenforza l-eventwali ġudizzju jekk dan jirriżulta favur tagħha.

[1] Edmund Mugliette et Intertecnica Properties Limited, deċiża fit-13 ta' Ġunju 2007, Prim Awla.

[2] Francis Refalo noe vs Jason Azzopardi et , deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fis-7 t'Ottubru tal-1997.

Il-Qorti madankollu tqis li l-kawża tal-attriċi hija kollha kemm hi bbażata fuq l-aġir tal-konvenuta meta din ħaffret u qattgħet il-blat li l-attriċi ssostni kien tagħha. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li dan il-fatt ma jikkostitwixxix materja li tmur lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti għax hawnhekk is-soċjetà Road Contruction Limited qed tibbaża l-azzjoni tagħha fuq il-*cupla aquiliana*. Huwa minnu li fil-premessi tallega li s-soċjetà Salvu Mintoff and Sons Ltd għamlet manuvri biex mexxiet l-assi tagħha band'oħra però dan il-fatt ma jolqotx il-mertu tal-kawża odjerna. Jista' jkollu impatt fuq kif is-soċjetà attriċi tipproċedi jekk il-kawża tinqata' favur tagħha, però ma għandu l-ebda piż fuq il-mertu tal-kawża.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi l-Qorti, qed tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimati u tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni illi qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur